# Blata l-Bajda u l-Inħawi fl-Istorja

**minn Alfie Guillaumier**

Nifhem li l-aktar naħa qadima tal-Ħamrun hija dik li hi msejħa bħala l-Blata l-Bajda. Il-għaliex hija msejħa hekk, mhux la kemm tiddefenixxi. Hija l-aktar parti qrib il-Port il-Kbir u naħseb li l-parti li kellha fl-istorja ta' pajjiżna, tixhed il-pożizzjoni tagħha stess.

Fi Blata l-Bajda nsibu bosta tifkiriet tal-imgħoddi li xi darba nkunu nsejnihom u dan għar-raġuni li jista' jkun li n-nukleu tal-Ħamrun huwa lejn il-Knisja ta' San Gejtanu. Wieħed jifhem, li f'kull belt u raħal issib iċ-ċentru, in-nukleu, u dan fil-lingwaġġ tagħna, li aħna mdorrijin naħsbu bil-mentalità li nduru madwar il-knisja biex kemm jista' jkun narawha sabiħa u tiffjorixxi. Din hija l-mentalità tagħna u tal-kultura tagħna, li aħna writniha mingħand ta' qabilna. Dawn għandek issibhom fil-pajjiżi kollha żgħar bħalma huma Sqallija u oħrajn.

B'danakollu, kemm Blata l-Bajda kellha importanza narawh meta nsibu hemm l-ewwel ċimiterju pubbliku li kien sar barra l-Belt Valletta. Filfatt la fil-Belt u lanqas fil-Furjana ma kien hemm ċimiterju pubbliku bħalma kien hawn fi Blata l-Bajda. Ċimiterji kien hemm, iżda dawn kienu fil-Knejjes, kif insibu fil-Furjana u fil-Belt. Iċ-ċimiterju fi Blata l-Bajda kien fejn illum hemm id-Dar Ġenerali tal-MUSEUM, u jien niftakru b'nofs tidwira li parti minnu kien fuq ix-xaqliba tal-Marsa u l-kumplament fuq il-Ħamrun. Kien imdawwar bil-balavostri, bieb bi grada fi Strada Rjali, kollu mdawwar b'siġar għoljin. Kien hemm siġar tal-palm, oħrajn baxxi u kolonna għolja fin-nofs b'żewġ tarġiet madwarha. Fuqnett kellha salib, u quddiemu dejjem b'xi xemgħa tixgħel.

Il-Kappillan, Dun Nerik Cordina Perez, kien imur ibierku, u darba minnhom inzerta kien għaddej l-Isqof Gonzi li kien sejjer bil-karozza lejn ir-Rabat. Waqaf u qallu li hemm m'hemmx għadam għax kienu ġabruh kollu. Imma meta tal-MUSEUM ħammlu l-post għall-pedamenti tad-Dar Ġenerali tagħhom, iltaqgħu ma' fosos tal-għadam. Bla dubju dan l-għadam inġabar u ndifen fiċ-ċimiterju tal-Addolorata. Kif wieħed jista' jara dan kien ċimiterju żgħir, imma fiż-żmien kien ħafna akbar milli kien dan l-aħħar. B'danakollu bl-Ordinanza Numru VII tal-1861, il-Gvern fil-baġit tiegħu, ivvota s-somma kbira għal dak iż-żmien ta' £87.7.3d (sebgħa u tmenin lira, seba' xelini u tliet soldi - 202 Ewro), biex dan iċ-ċimiterju jitkabbar. Nafu li f'xi atti pubbliċi li saru fuq xi bini f'din in-naħa, l-art kienet magħrufa bħala Xquq l-Oqbra, għax dan iċ-ċimiterju kien jinfirex sax-xaqliba l-oħra tal-Marsa.



Ta' min jgħid, li dik ix-xaqliba tal-Marsa kollha, tibqa' sejjer sa Ta' Ċejlu u d-dawra tal-baħar sa qabel ma taqbad it-Telgħa ta' Raħal il-Ġdid, kienet kollha tagħmel mal-Ħamrun, iżda meta l-Marsa saret parroċċa, ħadet il-limiti tagħha, dawk li narawlha llum.

Meta wieħed jasal il-Blata l-Bajda, ftit jidħollu f'moħħu li fuq dik l-art li jkun miexi fuqha, jista' jkun qed jirfes fuq il-katusi tal-Akwadott. Meta l-ilma jasal sat-tank li hemm fi Triq San Gejtanu, li aħna li konna noqgħodu

hemm, konna nsejħulu bħala t-Tromba, minħabba l-għamla li għandu, kien jerġa' jaqbad triqtu fil-katusi tal-fuħħar u jibqa' sejjer ilebbet lejn il-Belt. Filfatt f'dik il-biċċa li hemm ħdejn ix-Xowrum ta' Mizzi, li għadha mhix mibnija, wieħed jista' jara l-katusa tal-fuħħar fil-ħajt. Dan l-Akwadott inqata' f'diversi bċejjeċ matul iż-żmien. Meta sar fl-1610-15, dawn l-inħawi kienu għerja bi ftit bini 'l hawn u 'l hinn, għalhekk għal xi snin baqa' bla mittiefes. Imma meta maż-żmien beda jinbet xi bini, ma naħsibx li seta' jibqa' konservat. Meta kien qed iħaffer il-J.B. Stores ħdejn il-Lega fi Strada Rjali, rajtlu l-katusa maħruġa fil-ħajt. Tlabtu biex ma jkissirhiex, imma xorta waħda l-ħaddiema baqgħu għaddejjin bix-xogħol. U dan tifhmu għax ix-xogħol irid isir. Imma talanqas għandna nassiguraw li nħallu biċċa li tibqa' tidher.

Fix-xaqliba ta' Blata l-Bajda nsibu l-Musulew ta' Spencer. Dan Spencer kien Kaptan fil-Qawwa Navali Brittanika, li miet ġewwa l-Madagaskar. L-ekwipaġġ tiegħu meta waslu Malta għamlulu dan il-Musulew b'tifkira. Imma dak il-monument fil-bidu kien f'Kordin, Raħal il-Ġdid. Inġieb hawn il-Ħamrun fl-1893. Bla dubju nġieb hawn minħabba ċ-ċentralità tal-post. Dak il-monument kien ħażżu l-Perit George Pullicino. Kont titla' għalih b'żewġ targiet. Ħdejh kien hemm ħawt biex jixorbu l-bhejjem li f'dak iż-żmien kienu kotrana ħafna. Kien hemm min ħaseb li meta saret il-Fly Over fl-1962, il-monument inħatt u tressaq fejn hu llum. Min jgħid hekk ikun żbaljat. Li kieku nħatt, kien jinbena fin-nofs u mhux fil-ġenb. It-triq li hemm madwaru, kienet tagħmel parti mis-sur, imbagħad inqatgħet u saret triq, u b'hekk il-monument sab ruħu fin-nofs. Qabel ma saret il-Fly Over, it-traffiku kien igħaddi minn erba' naħat u fin-nofs kien ikun hemm pulizija jidderieġi. Ħdejn il-monument kellu karma tal-injam biex jistkenn mix-xita u x-xemx. It-triq kienet wisq idjaq milli hi llum, u meta tqis li dak il-monument kien fuq il-bankina, tifhem kemm ittieħdet art biex sab ruħu fejn jidher illum.



Fuq in-naħa l-oħra tat-triq kien hemm il-bini tan-nies u t-triq li tagħti għall-iskola ta' St. Joseph ma kinitx teżisti. Dik saret meta saru l-blokki tal-bini tal-Isqof. Tkompli mat-triq kien hemm bankina dejqa li konna ngħaddu minnha għall-Belt. Fejn hemm ix-Xowrum ta' Mizzi kien hemm razzett imdaqqas kollu blokki ta' rħam imqegħdin waħda ħdejn l-oħra, tal-marmista famuż Feliċ Buhagiar li għamel għadd ġmielu ta' lapidi sbieħ għall-knejjes tagħna. Min jaf kemm-il darba ttawwaltlu narah jaħdem. Kien qsajjar u rqajjaq, imma ħej, kemm kien bravu! Mill-bqija, minn dak li hemm illum, ma kien hemm xejn għajr triq ditta lejn il-Bombi. Lanqas il-Fly Over tal-Bombi ma kien hemm. Mingħalija dik saret għall-ħabta tal-1957.



Imbagħad aktar riċenti, fl-1985, ftit 'il bogħod mill-monument ta' Spencer, sar il-monument tal-President ta' Malta, Poeta, u Politiku, l-Avukat Anton Buttigieg, xogħol l-iskultur Rabti Anton Agius, li tana għadd ġmielu ta' monumenti. Imma dnub li fuq il-monument ta' Dott. Buttigieg, ma saret ebda lapida li turi min kien dan il-bniedem kbir li jistħoqqlu kull tifħir.

Xi ħaġa li naħseb li ftit minna konna nafu, hi li fil-Ħamrun, sewwa sew kważi fil-kantuniera ma' Triq Schembri, kien hemm sptar tal-għajnejn li kienu fetħu l-missier u l-iben tobba Manchè. Dan kien jinsab fejn kellhom il-ħanut tad-Ditta Onkjo ta' Mifsud, li llum hu mitluq. Dan l-isptar kienu fetħuh fl-1908 u dan it-tagħrif għarrafna bih is-Sur Borg Manchè, li hu qarib tagħhom. Dan l-aħħar sirt naf ukoll li fl-istess post fil-gwerra li għaddiet, kien hemm Victory Kitchen. Il-Victory Kitchen niftakarhom sew għax jien meta kelli xi sittax-il sena kont naħdem fihom billi kont nikteb u nżomm il-biljetti ta' min kien jiġi biex jieħu s-servizz tagħhom. Jien kont f'Victory Kitchen il-Marsa u kont ukoll hemm waqt il-konvoj, fil-periklu. Imma kollox jgħaddi għaliex ħajjet il-bniedem hija avventura kontinwa.

U la qed insemmu l-Victory Kitchen, insemmi li f'żewġ imħażen (illum ħwienet) li kien hemm ħdejn il-ħanut ta' Giuliana tal-ġild, u dak li jaħdem il-qasab, kien hemm il-Kwartieri Ġenerali tal-Victory Kitchen, li minnhom kienu joħorġu l-ordnijiet kollha.



Ma nistax inħalli barra l-istejdjum famuż li fih isiru logħbiet ta' ċertu prestiġġju - Victor Tedesco Stadium. Tedesco kien il-moħħ u l-mutur tal-Ħamrun Spartans u kien hu li ħolom u rsista bla waqfa biex inbena dan l-istejdjum li llum iġib ismu. Fih jitrawmu anki tfal żgħar tan-Nursery, tfal li huma l-plejers tal-futbol ta' għada. Kif taqsam it-triq li hemm illum ħdejn dan l-istejdjum tara biswit iċ-Ċentru Laburista, l-iskola Marija Reġina. Flokha kien hemm stejdjum ieħor - il-Mile End, li ta ismu lit-triq. Ma kienx hemm xi stejdjum bi pretensjoni. Kien jinsab ġo ħofra, witja fejn ikunu jistgħu jilgħabu u żewġ lasti għall-gowlers. Mill-bqija, madwaru kollu ġebel u trab. Kien miftuħ għal kull min ried jidħol. Niftakar anki mijtings politiċi saru fih. Imma għal dak iż-żmien kellu isem u kien fuq fomm dawk kollha dilettanti tal-ballun. Dak iż-żmien, madwaru, kien kollu raba' u rziezet kif kienu ħafna naħat imwarrba tal-Ħamrun.

Insemmu wkoll il-Knisja tal-Madonna tal-Midalja Mirakoluża, magħrufa aħjar bħala l-Kappella tal-MUSEUM. Fiha hemm mistrieħ l-ewwel Qaddis Malti, li għex, trabba, għamel il-preċett, qaddes l-ewwel quddiesa, beda l-opra tiegħu, kollox fil-Ħamrun. U fil-Ħamrun jinsab qabru, u dan huwa unur kbir għal din ix-xaqliba u għal-lokal sħiħ tagħna.

Semmejna f'din il-ġirja ħafifa li tajna dwar Blata l-Bajda, ħwejjeġ diversi, b'tama li dawn ma jintilfux maż-żmien u jibqgħu fil-memorja. Ngħiduha kif inhi, kemm baqa' minn dawk li jiftakru minn dak li għedt jien. Il-kliem itir, imam l-kitba tibqa'.

Is-Sliem u Viva San Gejtanu.